I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-KUMITAT TAR-REGJUNI

## IL-123 SESSJONI PLENARJA TAL-11 U T-12 TA' MEJJU 2017

### Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa — Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025

(2017/C 306/01)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

1. jieħu nota tal-"White Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa: Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025" bħala waħda mill-iktar kontribuzzjonijiet importanti għas-sensiela attwali ta' dibattiti dwar l-iżvilupp futur tal-Unjoni, li trid twassal għal riżultati tanġibbli qabel l-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju 2019 u lil hinn minnhom;

2. jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni ta' Ruma li fiha l-firmatarji jiddikjaraw li "*Ser naħdmu flimkien f'livell li jwassal għal differenza reali, kemm jekk ikun fil-livell tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll f'dak nazzjonali, reġjonali, u lokali u fi spirtu ta' fiduċja u kooperazzjoni leali, kemm fost l-Istati Membri kif ukoll bejnhom u l-istituzzjonijiet tal-UE, f'konformità mal-prinċipju tas-solidarjetà*";

3. huwa impenjat lejn ir-rispett bla kundizzjonijiet għall-valuri fundamentali tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll ir-rispett lejn l-għanijiet tal-UE, inkluż il-volontà li tinħoloq Unjoni dejjem eqreb bejn il-popli tal-Ewropa, kif definit fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

4. jenfasizza l-fatt li s-suppost rwol ewlieni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali deċentralizzati previst mit-Trattat ta' Lisbona għadu ma ġiex implimentat għalkollox f'termini ta' sussidjarjetà u ta' parteċipazzjoni fil-proċess leġislattiv Ewropew. B'dan il-mod l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkomplu jkunu kważi dejjem fl-aħħar post tal-politiċi Komunitarji minflok jaqdu rwol reali fit-tfassil tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċess leġislattiv;

5. ifakkar li l-politiki u l-istituzzjonijiet tal-UE ma nħolqux bħala objettivi fihom infushom, iżda jridu jkunu għas-servizz taċ-ċittadini jekk se jiksbu l-għanijiet u l-valuri globali tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li dawn l-istituzzjonijiet u politiki huma msejsa fuq il-kompromessi meħtieġa sabiex jiġu bilanċjati l-interessi u l-fehmiet differenti u jirriflettu l-eżitu tal-proċessi demokratiċi; għalhekk jispera li fit-tfittxija għall-usa' kunsens possibbli, minflok ma jitħallew jirbħu l-kompromessi restrittivi, jitfittxew soluzzjonijiet politiċi msejsin fuq is-solidarjetà komuni, il-prinċipju fundamentali tal-Ewropa magħquda, approċċ li għandu jservi wkoll sabiex jingħeleb is-sens attwali ta' xettiċiżmu u b'hekk terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew;

6. bħala l-assemblea politika tal-UE ta' rappreżentanti lokali u reġjonali, jemmen fl-importanza li d-deċiżjonijiet jittieħdu qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadini u b'sovranità kondiviża fil-livell tal-UE bħala mezz biex titjieb il-kapaċità ta' kull ċittadin tal-UE li jsawwar id-destin tiegħu jew tagħha;

7. jenfasizza li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE huma essenzjali, u jenfasizza li żvilupp ekonomiku u soċjali, effettiv u bbilanċjat huwa kruċjali sabiex jitnaqqsu d-distakki bejn ir-reġjuni tal-UE; f'dan ir-rigward, il-politika ta' koeżjoni hija l-politika li tippermetti l-iżjed lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jieħdu sehem fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u jibnu s-solidarjetà, kif ukoll li turi l-benefiċċji tas-sħubija fl-UE fil-livell lokali u reġjonali. Il-politika ta' koeżjoni hija politika tal-UE indispensabbli u li għandha valur miżjud Ewropew partikolari. Għalhekk il-KtR jopponi bil-qawwa kwalunkwe xenarju għall-futur tal-UE u li jkun jillimita l-politika ta' koeżjoni jew ineħħiha għal kollox, u jesprimi d-diżappunt tiegħu li dokument uffiċjali tal-Kummissjoni jista' saħansitra jikkunsidra tali ipoteżi;

8. jifhem li x-xenarji ppreżentati fil-White Paper għandhom jiġbdu l-attenzjoni li s-sitwazzjoni trid tinbidel, hekk kif jixħtu dawl fuq ir-riskji u l-opportunitajiet għall-UE, kif ukoll javżaw li l-ebda parti mill-acquis ma jista' jittieħed bħala assigurat; jenfasizza li d-dibattitu dwar il-ħeffa jew l-intensità tal-integrazzjoni tal-UE m'għandux ineħħi l-attenzjoni mill-fatt li l-isfida hija tabilħaqq dik li tiġi evitata Ewropa multidirezzjonali; huwa konvint li l-enfasi għandha tkun fuq l-unità u fuq ir-rispett għad-diversità u għall-ispeċifiċitajiet lokali meħtieġa sabiex jiġi żgurat ġejjieni sostenibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE;

9. jenfasizza li wieħed mill-aspetti uniċi tal-Unjoni Ewropea huwa l-istruttura ta' governanza f'diversi livelli tagħha, u jiddispjaċih li dan l-aspett mhuwiex rikonoxxut fil-White Paper; jinnota b'dispjaċir ukoll li l-White Paper ma tippreżentax l-implikazzjonijiet territorjali tax-xenarji differenti preżentati. Jenfasizza l-fatt li l-bliet u r-reġjuni ġeneralment igawdu aktar mill-fiduċja taċ-ċittadini tagħhom; għaldaqstant, jemmen li ċ-ċittadini u t-tamiet, l-aspettattivi u t-tħassib tagħhom iridu jkun fiċ-ċentru tal-azzjonijiet politiċi kollha, u jenfasizza li kwalunkwe diskussjonijiet dwar il-ġejjieni tal-Unjoni Ewropa u riformi li jirriżultaw minn dawn id-dibattiti jridu jkunu minn isfel għal fuq u jinvolvu l-livelli kollha ta' governanza; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, li l-metodu u l-ispirtu ta' ħidma "Komunitarji" għandhom jiddominaw fuq dawk "intergovernattivi" fil-fażijiet kollha ta' teħid ta' deċiżjoni tal-Unjoni;

10. jaqbel mal-oqsma ta' prijorità ewlenin identifikati fil-White Paper u fid-dikjarazzjoni ta' Ruma, u jemmen bil-qawwa li l-Kummissjoni Ewropea, bħala l-gwardjan sopranazzjonali tat-Trattati tal-UE u l-istituzzjonijiet fdata bir-rwol li tippromovi l-interess ġenerali tal-Unjoni, għandha tressaq proposti dettaljati dwar dawn il-kwistjonijiet; il-KtR huwa lest jipprovdi t-tweġiba politika tiegħu u suġġerimenti minn perspettiva lokali u reġjonali;

11. jitlob li ssir reviżjoni u semplifikazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej sabiex tippermetti demokrazija Ewropea rappreżentattiva u parteċipatorja. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi introdott obbligu legali biex il-Kummissjoni Ewropea mhux biss teżamina iżda tiftaħ dibattitu segwit b'votazzjoni fil-Kunsill tal-UE u fil-Parlament Ewropew dwar inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ta' suċċess li tiġbor miljun firma, u jissuġġerixxi li jiġu mistħarrġa mezzi oħrajn kif jista' jithaffef l-eżerċizzju ta' parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE ([1]);

12. jenfasizza għadd ta' elementi li huma essenzjali għad-definizzjoni ta' xenarju kredibbli u ambizzjuż għall-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea mil-lat tar-reġjuni u l-bliet:

12.1 ċittadinanza attiva Ewropea li tħeġġeġ l-iskambji u l-kooperazzjoni ma' u bejn iċ-ċittadini sabiex trawwem identità Ewropea u sens ta' appartenenza fil-proġett Ewropew;

12.2 l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sħubija, tal-governanza f'diversi livelli u tas-sussidjarjetà fl-oqsma kollha ta' politika, kif ukoll li titħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn is-setturi kollha tas-soċjetà, sabiex jinkiseb approċċ aktar demokratiku, effikaċi u riformat tal-UE;

12.3 it-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-UE u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja; jistenna li proposta leġislattiva għal Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jippermetti li jiġu indirizzati d-drittijiet tal-ħaddiema u l-mobilità tal-ħaddiema f'suq tax-xogħol li qed jinbidel filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà; din il-proposta ma għandhiex tikkonsisti f'liġi mhux vinkolanti ("soft law") li tikkomplementa l-acquis eżistenti, iżda għandha tinkludi miżuri bl-istess intensità bħal dawk għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja, peress li dan jgħin iżżid il-perċezzjoni taċ-ċittadini ta' UE iżjed soċjali, li kapaċi ssolvi l-problemi tagħhom;

---

([1]) Riżoluzzjoni dwar Intejbu l-funzjonament tal-Unjoni Ewropea: it-Trattat ta' Lisbona u lil hinn minnu (RESOL-VI/005)

12.4 UE kompletament responsabbli u trasparenti, fejn iċ-ċittadini huma kapaċi jagħrfu b'mod ċar min huwa politikament responsabbli u li jagħti kont tad-deċiżjonijiet meħuda fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u fejn il-livelli kollha ta' governanza jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom għat-teħid u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet;

12.5 strateġija komprensiva, iffinanzjata b'mod adegwat, fuq perjodu twil ta' żmien u kredibbli sabiex jinkisbu u jissaħħu l-pedamenti tal-koeżjoni ekonomika u soċjali u l-konverġenza bejn ir-reġjuni fl-UE, u tiġi żgurata konverġenza soċjali 'l fuq, bis-sigurtà tal-bniedem bħala l-pedament, waqt li l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU jiġu integrati fil-programmi tal-UE fuq perjodu qasir u fit-tul u jiġu implimentati l-miżuri li huma konformi mal-parametri tal-Aġenda 2030;

12.6 involviment akbar tar-reġjuni fil-proċess Ewropew ta' teħid ta' deċiżjonijiet – il-proċess ta' tfassil tal-leġislazzjoni u tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi kif ukoll il-proċess ta' implimentazzjoni u tixrid — huwa prerekwiżit għal integrazzjoni Ewropea pożittiva u ġenwina u sabiex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej. Għal dan il-għan, ikun opportun li kwalunkwe pjani għal qafas ta' politika u istituzzjonali Ewropew ġdid jaraw il-possibbiltà li tinħoloq kamra leġislattiva rappreżentattiva tar-reġjuni u taż-żoni awtonomi;

12.7 UE soċjali li tippromovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll drittijiet u opportunitajiet indaqs għal kulħadd; li tiġġieled kontra l-qgħad, id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni soċjali u l-faqar; UE fejn iż-żgħażagħ jirċievu l-aħjar edukazzjoni u t-taħriġ u jistgħu jistudjaw u jsibu xogħol fil-kontinent kollu; UE li tippreserva l-wirt kulturali tagħna u tippromovi d-diversità kulturali;

12.8 Ewropa innovattiva, diġitali u intraprenditorjali fejn il-bliet u r-reġjuni jaġixxu bħala katalizzaturi u faċilitaturi għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda u tkabbir sostenibbli, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ;

12.9 baġit tal-UE bbażat fuq riżorsi proprji ġenwini, li huma adegwati għall-ambizzjonijiet tal-UE u li jsaħħaħ ir-rwol tal-investimenti pubbliċi u privati sabiex tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi għaċ-ċittadini tal-UE;

12.10 Unjoni Monetarja Ewropea aktar profonda, aktar ġusta u aktar inklużiva, mogħnija bl-istrumenti ta' politika meħtieġa biex jiġu evitati skossi asimmetriċi u tiġi promossa l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, inkluża kapaċità fiskali kumplementari għall-baġit tal-UE;

12.11 żona integrata b'mod sħiħ ta' libertà, sigurtà u ġustizzja msejsa fuq id-drittijiet fundamentali, il-libertà sħiħa tal-moviment, protezzjoni konġunta tal-fruntieri esterni, u politika komuni dwar il-migrazzjoni u l-asil ibbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll fuq l-impenji kondiviżi b'mod partikolari fl-indirizzar tal-fenomeni migratorji attwali;

12.12 żgurar ta' trasparenza sħiħa u kontroll demokratiku fil-livelli kollha ta' governanza għat-tfassil ta' ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali ġusti u bbilanċjati;

12.13 politika komuni barranija, tal-viċinat u tad-difiża għal stabilità globali u impenn biex jiġu trażmessi l-valuri tal-UE; ftuħ lejn it-tkabbir meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet, filwaqt li tiġi rispettata l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-UE.

12.14 UE qrib taċ-ċittadini u li kapaċi tittrażmettilhom l-kisbiet u l-isfidi futuri b'mod ċar u li jinftiehem;

13. huwa impenjat li jkun involut fi proċess minn isfel għal fuq maċ-ċittadini u r-rappreżentanti eletti fir-reġjuni, il-bliet u l-irħula tal-UE, kif ukoll partijiet interessati oħra rilevanti, li jidentifika l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom b'rabta mal-UE fix-xhur li ġejjin; jenfasizza li r-riżultat ta' dan l-eżerċizzju, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet konkreti, se jkunu inklużi fl-opinjoni tal-KtR dwar "Nirriflettu dwar l-Ewropa: il-leħen tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-bini mill-ġdid tal-fiduċja fl-Unjoni Ewropea";

14. jistieden lill-Parlament Ewropew biex jirrepeti l-proċess *Spitzenkandidaten* għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, u joffri li jgħin biex jiżdied l-għarfien tal-proċess u l-importanza tiegħu permezz tan-netwerk tiegħu tal-politiċi lokali u reġjonali;

15. huwa determinat li jikkontribwixxi għal proċess trasparenti u demokratiku ta' riforma istituzzjonali u politika, maċ-ċittadini tal-UE fil-qalba tiegħu u b'kont meħud tal-livelli ta' governanza tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, fil-ħin biex ir-riżultati jiġu ppreżentati liċ-ċittadini tal-Ewropa fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019;

16. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħala l-livell l-eqreb taċ-ċittadini u l-fornitur ewlieni tas-servizzi pubbliċi, jeħtieġ li jkollhom rwol aktar prominenti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE sabiex l-UE tkun tista' tkompli taħdem fuq oqsma ta' kompetenza tal-gvern lokali u reġjonali. Għalhekk, jitlob li l-leġislazzjoni b'impatt fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali tkun soġġetta għall-kunsens tal-KtR;

17. ifakkar li xi wħud mill-bidliet li ċ-ċittadini jistgħu jikkunsidraw prijorità jistgħu jkunu jirrikjedu reviżjoni tat-Trattati u jinsisti li f'dak il-każ, il-metodu tal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 48.3 għandu jintuża u l-KtR għandu jkollu rappreżentanza sħiħa f'tali Konvenzjoni.

Brussell, it-12 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Markku MARKKULA